13 ta' Frar, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Fortunato Petroni *versus* Carmelo Petroni et.

**Obligazzjoni — Impossibilità ta' Eżekuzzjoni Speċifika — Danni — Spejjeż Ġudizzjarji.**

*Meta obligazzjoni ma tistax tiġi aktar eżegwita f'forma speċifika, il-kreditur ta' l-obligazzjoni ma għandux jaġixxi kontra d-debitur għall-eżekuzzjoni speċifika ta' l-obligazzjoni. Huwa jibqagħlu, jekk ikun il-każ, l-azzjoni għad-danni.*

*Jekk jinbagħad, meta huwa jipproponi l-azzjoni biex iġiegħel lid-debitur jadempixxi l-obligazzjoni f'forma speċifika, huwa kien jaf li dan l-adempiment ma kienx aktar possibili, l-azzjoni tiegħu hija ntentata ħażin, u huwa għandu ibati l-ispejjeż tal-kawża.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li bejnu u bejn il-konvenut Carmelo Petroni sar ftehim fis-sens illi l-konvenut Carmelo Petroni kellu jassenja lill-attur, b'titolu ta' partit, makna tar-"reboring" u partita ta' dwar 1312 "pistons", bil-prezz miftiehem ta' £100 għall-makna tar-"reboring" u 4s. għal kull "piston", u in kontrakkambju u bħala korrispettiv l-attur kellu jikkonsenjalu dwar 400 bużżieqa tal-"horn" bil-prezz ta' 2s. 10d. il-waħda u 360 pied "hose-pipe" minn kull qies ta' tnax-il kwalità bil-prezzijiet miftehma kif jirriżultaw waqt il-kawża, u kellu jħallsu bi flus kontanti l-ekwiparazzjoni li talvolta setgħet tirriżulta dovuta; u li kontemporaneament l-attur ikkonkluda mal-konvenut Luigi Camenzuli negozju ieħor fis-sens illi l-attur kellu jikkonsenjalu b'titolu ta' partit, bil-prezz ta' 8s. il-wieħed, il-"pistons" kollha fuq imsemmija, barra minn 19-il sett, u kellu jirċievi minn għandu, bl-istess titolu ta' partit, l-imsemmija bżieżaq tal-"horn" u l-imsemmija "hose-pipe", bil-prezzijiet u kondizzjonijiet li saru fil-ftehim u li jirriżultaw waqt il-kawża, biex l-attur jikkonsenjahom lill-konvenut Carmelo Petroni, li "a sua volta" kellu jikkonsenja lill-attur l-imsemmija makna tar-"reboring" u l-imsemmija "pistons"; u li l-konvenut Carmelo Petroni jrid jerġa' lura mill-ftehim u ma jridx jeżegwieh, u minħabba fid-dewmien tiegħu fil-konsenja tal-"pistons" il-konvenut Camenzuli ma jridx jistenna aktar u jrid jirreċedi huwa wkoll mill-ftehim; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jingħataw il-provvedimenti kollha li jkun hemm bżonn, il-konvenut Carmelo Petroni jiġi kundannat jikkonsenja b'titolu ta' partit lill-attur il-makna tar-"reboring" fuq imsemmija u l-"pistons" fuq imsemmijin, u jirċievi bħala korrispettiv, u bl-istess titolu ta' permuta, l-imsemmijin bżieżaq tal-"horn" u l-imsemmi "hose-pipe", bil-prezzijiet, kondizzjonijiet u ekwiparazzjoni ta' flus li jirriżultaw waqt il-kawża; u dan fi żmien li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tistabbilixxi; u l-konvenut Luigi Camenzuli jiġi kundannat jikkonsenja b'titolu ta' partit lill-attur l-imsemmija bżieżaq tal-"horn"

u "hose-pipe", bil-prezzijiet u fil-kwantità fuq aċċennata, jew li tirriżulta waqt il-kawża, u jirċievi minn għand l-attur l-imsemmijin "pistons" barra minn 19-il sett, salva l-ekwiparazzjoni reċiproka bi flus kontanti, u dan ukoll fi żmien li jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti. Salvi drittijiet oħra, kompriża l-azzjoni għad-danni, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-18 ta' Lulju 1950, kontra l-konvenuti, interpellati għassubizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

L-attur jgħid li hu ikkuntratta permuta mal-konvenut Petroni........... In kontrakkambju l-attur kellu jagħti lill-konvenut Petroni l-"bulb-horns"...........;

L-attur b'din iċ-ċitazzjoni qiegħed jitlob l-adempiment f'forma speċifika tan-negozju wieħed u l-ieħor kontra ż-żewġ konvenuti, kull wieħed minnhom għan-negozju tiegħu rispettivament;

Issa, hu fatt li l-konvenut Camenzuli—bir-raġun jew le—iddispona mill-"bulb-horns" u l-"hose-pipes" favur ħadd ieħor (ara xhieda tiegħu fol. 68 tergo). Mela mhijiex aktar possibili l-konsenja tagħhom minn Camenzuli lill-attur, u per konsegwenza lanqas hi aktar possibili l-eżekuzzjoni f'forma speċifika tan-negozju l-ieħor ta' l-attur mal-konvenut Petroni, għax l-attur ma jistax jagħti lil dan il-konvenut il-korrispettiv, ċjoè l-"bulb-horns" u l-"hose-pipes" fuq imsemmija;

Jgħid il-Giorgi (Teor. Obbligaz. Vol. II, p. 165), wara li jsemmi l-prestazzjonijiet "in cui è concepibile il risarcimento in forma specifica a talento del creditore", "ve ne sono altre dove non rimane al creditore scelta possibile, e gli è mestieri accontentarsi dell'equivalente in denaro". Ciò avviene (a) nelle obbligazioni di dare corpi certi e determinati, quando il debitore li abbia distrutti o lasciati perire, o ne abbia trasmesso validamente il dominio in terze persone...........";

L-Imħallef Dr. Lorenzo Xuereb ("Bartolo vs. Barbara", 15 ta' Diċ. 1871, P.A.), f'każ fejn l-attur kien talab, bħal f'dan il-każ, l-adempiment f'forma speċifika ta' partita kemmun, wara li kkonstata li l-konvenut fil-fatt kien biegħ il-kemmun, u li per konsegwenza ma kienetx aktar possibili l-konsenja, es-

kluda t-talba u rriżerva l-azzjoni, jekk kompetenti, għal danni u nteressi;

L-istess għandu jsir f'dan il-każ;

Il-Qorti tiddikjara li mhijiex qiegħda tippronunzja ruħha fuq ebda pont ieħor fil-meritu, la dak jekk ġewx konkjużi l-permuti msemmija mill-attur, la dak dwar min kien ħtija tar-reċess, jekk ġew konkjużi, u lanqas dak jekk Camenżuli kienx ġustifikat jiddisponi mill-oġġetti fuq imsemmija; qiegħda tgħid biss li, ladarba l-oġġett ġie dispost minnu, mhijiex aktar possibili l-eżekuzzjoni f'forma speċifika, u l-azzjoni hi għalhekk malament istitwita kif impernjata fuq talba għall-konsenja;

Kwantu għall-ispejjeż, miż-żewġ dokumenti fol. 28 u 29 jidher li l-attur kien jaf li l-merċi ġie dispost minnha. Barra dan, mid-dokument l-ieħor fol. 7 jidher ukoll li minn qabel iċ-ċitazzjoni hu kien jaf li l-jedd tiegħu, se maj, kien għad-danni;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi teskludi t-talbiet, bl-ispejjeż kontra l-attur. Salvi drittijiet oħra, diversament esperibili.